# Politika ta' Privatezza Globali ta' Cvent

**Sommarju ta' Bidliet Riċenti:**

X'hemm Ġdid mit-**30 ta' Novembru, 2021:**

- Nikkjarifikaw kif Cvent tipproċessa dejta minn Viżitaturi.
- Nipprovdu għal soluzzjonijiet tat-trasferiment tad-dejta miż-ŻEE, l-Iżvizzera u r-Renju Unit.
- Naġġornaw il-prodotti ta' Cvent.

Immodifikat l-aħħar fit-**30 ta' Novembru, 2021.**

Data Effettiva: 30 ta' Diċembru, 2021

# Daħla

Cvent, Inc, u l-entitajiet imħaddma minnha Cvent Europe Ltd, Cvent Deutschland GmBH, Cvent Canada Inc., Cvent Australia PTY Limited, Cvent Singapore PTE Limited, Cvent India Private Limited, Cvent Nederland BV, Social Tables, Inc., Lanyon Solutions, Inc., Passkey International, Inc. **("Cvent" jew "Aħna")**, tirrispetta l-privatezza tiegħek u ninsabu mpenjati biex nipproteġu l-privatezza tiegħek permezz tal-konformità tagħna ma' din il-politika.

Din il-politika tiddeskrivi l-prattiċi tagħna fir-rigward ta' informazzjoni li aħna niġbru permezz tal-pjattaformi tas-software u l-applikazzjonijiet Cvent Event Cloud u Hospitality Cloud (kollettivament l-"Applikazzjonijiet" tagħna) tagħna, kif ukoll l-prattiċi ta' privatezza tagħna rigward l-użu u l-websites ta' Cvent (bħal www.cvent.com, www.lanyon.com u websites oħra ta' Cvent li jillinkjaw ma' din il-politika) u l-attivitajiet barranin tas-suq.

Din il-politika tiddeskrivi wkoll id-drittijiet ta' protezzjoni tad-dejta tiegħek, li jinkludu d-dritt li toġġezzjona għal xi proċessar minn Cvent. Il-Politika ma tapplikax għal informazzjoni miġbura minn terzi, li jinkludi permezz ta' kull applikazzjoni jew kontenut minn terzi (li jinkludi reklamar) li jillinkjaw ma' jew huma aċċessibbli mill-Applikazzjonijiet jew il-websites tagħna.

## Werrej


Inti Klijent, Kuntatt tan-Negozju ta' Klijent jew Viżitatur?
X'tip ta' dejta personali tinġabar mill-Klijenti tagħna?
Kif tinġabar id-dejta personali mill-Klijenti tagħna?
Kif id-dejta personali tintuża mill-Klijenti tagħna?
Cvent tuża dejta personali miġbura mill-Klijenti tagħna?
Cvent kif tiġbor u tipproċessa tagħrif personali mill-Klijenti tagħna u l-Kuntatti tan-Negozju tal-Klijenti tagħhom?
X'bażi legali hemm biex Cvent tipproċessa d-dejta personali miż-ŻEE?
X'bażi legali hemm biex Cvent tipproċessa d-dejta personali miż-ŻEE?
Kif jista' Kuntatt tan-Negozju tal-Klijent jaċċessa, jikkoreġi jew iħassar it-tagħrif personali tiegħu?
Kif jista' Kuntatt tan-Negozju tal-Klijent jaċċessa, jikkoreġi jew iħassar it-tagħrif personali tiegħu?
Cvent kif tuża l-cookies u teknoloġiji simili?
Nikkjarifikaw kif Cvent tipproċessa dejta minn Viżitaturi.
Cvent tipproċessa informazzjoni ta' tfal li għadhom m'għalqux it-16-il sena?
Fejn ser tittrasferixxi d-dejta li tipproċessa Cvent?

[Cvent kif ser tissalvagwardja d-dejta li tipproċessa?]

[X'inhuma l-Prodotti ta' Cvent?]
[Kif jista' Klijent jew Viżitatur Jiġġestixxi l-Preferenzi tal-Posta Elettronika Tiegħu għal Cvent?]
[Kif tista' tikkuntattja lil Cvent jew l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta ta' Cvent?]
[Cvent kif tippubbliċizza l-bidliet fil-Politika tal-Privatezza tagħha]?

# Inti Klijent, Kuntatt tan-Negozju ta' Klijent jew Viżitatur?

Din il-politika tapplika għall-klassifikazzjoni ta' individwi li ġejja li jinteraġixxu ma' Cvent:

- **KLIJENTI:** Klijenti huma individwi li huma impjegati jew soċji ta' klijenti diretti ta' Cvent (pereżempju, pjanifikaturi t'avvenimenti, xerrejja tal-vjaġġi u fornituri ta' spazju għal-laqgħat),li jinkludu personel ta' klijenti li huma assenjati b'login u huma awtorizzati li jaċċessaw u jużaw l-Applikazzjonijiet tagħna b'konformità ma' ftehim attiv ta' Cvent jew b'permess ta' valutazzjoni temporanja, jekk disponibbli. Barra minn hekk, il-Klijenti jinkludu individwi li jirreġistraw lilhom infushom biex jaċċessaw l-Applikazzjonijiet tagħna.
- **KUNTATTI TAN-NEGOZJU TA' KLIJENTI**: Kuntatti tan-Negozju ta' Klijenti  huma individwi li jinteraġixxu mal-Klijenti tagħna permezz tal-Applikazzjonijiet tagħna. Dawn jinkludu l-Klijenti tagħna attwali u prospettivi, membri, persuni li jattendu attivitajiet, promoturi, esebituri, imsieħba fis-suq, mistiedna f'lukandi u kuntatti oħra tan-negozju. Pereżempju, Kuntatti tan-Negozju tal-Klijent jinkludu individwi li jirreġistraw għal avveniment organizzat minn Klijent, iniżżlu app ta-mowbajl relatata ma' avveniment, jipparteċipaw f'avveniment virtwali organizzat minn Klijent, jimlew stħarriġ onlajn, jew booking ta' lukanda jew spazju għal-laqgħat billi jużaw waħda mill-Applikazzjonijiet ta' Cvent.
- **KLIJENTI:** Individwi u klijenti prospettivi li jinteraġixxu mal-websites tagħna (pereżempju biex jaċċessaw in-Netwerk tal-Fornituri tagħna mingħajr reġistrazzjoni (bħal nonklijent) jaqraw dwar prodotti u servizzi ta' Cvent, iniżżlu karta bajda, jew jiffirmaw għal demo online) kif ukoll dawk li jattendu għal avvenimenti tas-suq ta' Cvent (pereżempju, Cvent CONNECT®,  Cvent okkażjonijiet diretti u webinars) u dawk li niltaqgħu magħhom f'fieri kummerċjali jew li nsiru nafu permezz ta' referimet minn terzi jew sorsi barranin oħrajn.

# X'tip ta' dejta personali tinġabar mill-Klijenti tagħna?

L-Applikazzjonijiet tagħna huma flessibbli biex jippermettu lil Klijenti tagħna jiġbru varjetà ta' dejta personali minn u dwar Kuntatti tan-Negozju ta' Klijenti, li jinkludu l-isem, l-organizzazzjoni, it-titlu, l-indirizz postali, l-indirizz elettroniku, in-numru tat-telefown, in-numru tal-faks, il-kont t'identifikazzjoni fuq il-midja soċjali, in-numru tal-kont tal-kreditu u debitu u tagħrif ieħor li jinkludi imma mhux ristrett għal preferenzi tal-ikel, interessi, fehmiet, attivitajiet, u xogħol. Aħna ninkoraġixxu lill-Kuntatti tan-Negozju ta' Klijenti biex jirrevedu l-politiki ta' privatezza tal-Klijenti biex jifhmu l-prattiċi u l-proċeduri tagħhom.

Għal-lista aktar dettaljata tal-Applikazzjonijiet tagħna, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima "***[X'inhuma l-Prodotti ta' Cvent]***" fit-tmiem tal-Politika ta' Privatezza. L-użu ta' informazzjoni personali ta' Cvent miġbura permezz tal-Applikazzjonijiet tagħna ser ikun ristrett għall-iskop li jipprovdik b'servizz li għalih il-Klijenti tagħna qabbdu lil Cvent., biex intejbu s-servizz tagħna jew kif meħtieġ jew permess bil-liġi.

Jekk ma taqbilx mal-policies u l-prattiċi tagħna, tista' tagħżel li ma tużax l-Applikazzjonijiet tagħna.

## Kif tinġabar id-dejta personali mill-Klijenti tagħna?

Klijenti jistgħu jużaw l-Applikazzjonijiet personalizzati tagħna biex jiġbru data personali f’modi viversi kif deskritt fl-eżempji t’hawn isfel. Aħna ninkoraġixxu lill-Kuntatti tan-Negozju ta' Klijenti biex jirrevedu l-politiki ta' privatezza tal-Klijenti biex jifhmu ll-metodi tagħhom ta’ kif tinġabar d-data personali.

- Meta l-Kuntatti tan-Negozju ta' Klijenti tagħna b'mod volontarju u espliċitu jdaħħlu dejta personali fl-Applikazzjonijiet tagħna.
- Meta l-Klijenti tagħna jdaħħlu Kuntatti tan-Negozju ta' Klijenti fl-Applikazzjonijiet tagħna, meta permess, li jinkludi li jkollok interess kummerċjali leġittimu jew il-kisba ta' kunsens espliċitu mingħand Kuntatt tan-Negozju ta' Klijent.
- Awtomatikament, hekk kif Kuntatti tan-Negozju ta' Klijent jinteraġixxu mal-Applikazzjonijiet tagħna, bl-użu ta' teknoloġiji li jiġbru l-informazzjoni bħal cookies. Għal informazzjonali addizzjonali dwar dawn it-teknoloġiji ara t-taqsima hawn isfel intitolata “*Cvent kif tuża l-cookies u teknoloġiji simili*?".

## Kif ser jużaw d-dejta personali l-Klijenti tagħna?

Jekk Kuntatt tan-Negozju ta' Klijent jagħżel li juża l- Applikazzjonijiet  tagħna biex jagħmel negozju ma' Klijent (pereżempju: jirreġistra għal jew jivverifika avveniment, iwieġeb għal stħarriġ onlajn, iniżżel applikazzjoni għall-mowbajl, jibgħat jew jirrispondi għal Talba jew Proposta ("RFP" - Request for Proposal)), kull informazzjoni provduta ma' dik l-interazzjoni  ser tiġi  trasferita lil, u taħt il-kontroll tal-Klijent.

Il-Klijenti ser ikollhom ukoll aċċess għal informazzjoni (li tinkludi dejta personali u dejta dwar l-użu tal-Applikazzjoni) marbuta ma' kif il-Kuntatt tan-Negozju ta' Klijent jinteraġixxi mal-Applikazzjonijiet li jużaw. F'każijiet bħal dawn, il-Klijenti jaġixxu bħala kontrolluri tad-dejta lejn il-Kuntatt tan-Negozju ta' Klijent, taħt il-liġijiet ta' protezzjoni tad-dejta taż-Żona Ekonomika Ewropea ("ŻEE").  Għalhekk, Cvent ma tistax u ma tiħux responsabilità dwar il-prattiċi ta' privatezza ta' Klijenti.

Il-prattiċi ta' informazzjoni tal-Klijenti tagħna huma regolati bil-politiki ta' privatezza tagħhom. Aħna ninkoraġixxu lill-Kuntatti tan-Negozju ta' Klijenti biex jirrevedu l-politiki ta' privatezza tal-Klijenti biex jifhmu l-prattiċi u l-proċeduri tagħhom.

## Cvent tuża jew tbiegħ dejta personali miġbura mill-Klijenti tagħna?

Cvent ma tużax dejta personali tal-Kuntatti tan-Negozju ta' Klijenti tagħna għal kwalunkwe skop għajr biex tipprovdi servizzi li l-Klijenti tagħna jkunu kkuntrattawna għalihom biex infornu permezz tal-Applikazzjonijiet tagħna, kif innotat hawn isfel biex intejbu s-servizzi tagħna, jew kif meħtieġ jew permess bil-liġi. Cvent ma tbiegħx tagħrif personali tal-Kuntatti tan-Negozju tal-Klijenti tagħna.

## Cvent kif tiġbor u tipproċessa tagħrif personali mill-Klijenti tagħna u l-Kuntatti tan-Negozju tal-Klijenti tagħhom?

Aħna niġbru tagħrif personali mill-Klijenti tagħna sabiex niffaċilitaw il-komunikazzjoni u l-forniment t'Applikazzjonijiet li l-Klijenti tagħna jkunu interessati fi jew jikkuntattjawna biex nipprovdu. Pereżempju nistgħu niġbru l-informazzjoni li bih jista' jiġi kuntattjat Klijent, jew permezz ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt, użu tas-servizzi tagħna, formula fuq is-sit elettroniku tagħna, talbiet mitluba mill-aġent

konverżazzjonali tagħna, skambju mat-timijiet tal-bejgħ jew assistenza għall-klijenti, applikazzjoni għal xi avveniment, jew rispons għal xi stħarriġ jew għal xi posta elettronika tal-marketing tagħna. Nistgħu niġbru wkoll tagħrif mill-karta tal-kreditu (eż. numru tal-karta tal-kreditu, u data ta' skadenza, indirizz fejn jintbagħat il-kont, eċċ.) jew tagħrif ieħor tal-bank, meħtieġ gal skopijiet ta' kontijiet u ħlas.

Nistgħu nirreġistraw ukoll is-sejħiet tat-telefonati (jew vidjow) li jsiru lit-tim tas-Servizzi t'Assistenza lill-Klijenti għal interessi tan-negozju leġittimu marbuta mal-forniment t'appoġġ lill-Klijent. konformita mal-liġijiet, taħriġ u assikurazzjoni tal-kwalità. Fejn meħtieġ mil-liġi, aħna niksbu l-kunsens mill-Klijenti qabel ma nipproċedu b'sejħiet bit-telefon jew bil-vidjow irrekordjati.  Aħna nżommu reġistrazzjonijiet bħal dawn għal 90 jum mid-data ta' reġistrazzjoni , għajr meta jkun meħtieġ mod ieħor għal implimentazzjoni kontrattwali jew għal aktar taħriġ lill-impjegati.

Aħna u l-vendituri tagħna niġbru tagħrif dwar l-użu ta' kif il-Klijenti tagħna jinteraġixxu mal-Applikazzjoni tagħna. Dan jinkludi liema paġni ta' fuq il-web inti żżur, fuq xiex tikklikkja, meta twettaq ċertu azzjonijiet, liema lingwa tippreferi, x'tixtri u aktar minn hekk.

Aħna nipproċessaw it-tagħrif personali tal-Klijenti u tal-Klijenti tan-Negozju tagħhom b'dan il-mod:

- Biex niżvelaw lis-sussidjarji u l-affiljati tagħna għall-iskop li nipprovdu servizzi lil Klijenti tagħna u lil Kuntatti tan-Negozju tal-Klijenti tagħhom.
- Biex niżvelaw lil kuntratturi, fornituri tas-servizzi, u terzi oħrajn kif raġonevolment meħtieġ jew prudenti biex jiġu provduti, miżmuma u sostnuti  l-Applikazzjonijiet  tagħna, għal Klijenti tagħna u l-Kuntatti tan-Negozju tal-Klijenti tagħhom, bħal pereżempju, proċessuri tal-ħlas, fornituri taċ-ċentru tad-dejta u tal-Web hosting. **<u>Cvent ma tikkondividix, ma tbigħx jew ma tinnegozjax informazzjoni ma' partijiet terzi għal skopijiet promozzjonali.</u>**
- Biex infornu s-servizzi li l-Klijent tagħna jkun ikkontrattana biex nipprovdu permezz tal-Applikazzjonijiet tagħna. Xi  eżempji jinkludu:
    - Jekk Kuntatt tan-Negozju ta' Klijent juża wieħed mill-Applikazzjonijiet tagħna biex jirreġistra għal avveniment, aħna ser nużaw l-indirizz elettroniku li pprovdilna biex nibgħatu informazzjoni u avviżi marbutin ma' dak l-avveniment.
    - Jekk Kuntatt tan-Negozju ta' Klijent juża wieħed mill-Applikazzjonijiet tagħna biex iħallas il-miżati ta' reġistrazzjoni t'avveniment jew prodotti u servizzi oħrajn permezz tal-karti ta' kreditu tagħhom, ser ngħaddu l-informazzjoni dwar il-karta tal-kreditu lil proċessuri tal-karta tal-pagament biex jikkonvalidaw l-informazzjoni dwar il-pagament u jtemmu t-transazzjonijiet. .
    - Meta Klijent jissottometti RFP għal spazju ta' laqgħa elenkat fuq Cvent Supplier Network jew lil xi Kuntatt tan-Negozju ta' Kljent skont l-istruzzjonijiet tal-Klijent, Cvent ser tikkuntattja dak il-post, il-kumpanija ġestitriċi jew il-Kuntatt tan-Negozju tal-Klijent u tiżvela informazzjoni, li  fiha tagħrif personali,  meħtieġ biex hi tkun tista' tirrispondi għall-RFB.
    - Meta Klijent jirriserva spazju għal-laqgħa jew kamra ta' lukanda f'post li juża s-servizz InstantBook ta' Cvent, Cvent taqsam id-dejta personali meħtieġa mal-post direttament jew permezz tal-pjattaforma tat-teknoloġija ta' dak il-post, sabiex jispiċċa l-prenotazzjoni direttament mal-Klijent.
    - Meta Klijent jew Kuntatt tan-Negozju ta' Klijent juża l-kredenzjali tal-midja soċjali tagħhom biex jaqsam informazzjoni fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali tagħhom jew biex jidħlu f'waħda mill-Applikazzjonijiet tagħna, aħna ser naqsmu l-informazzjoni mal-fornitur tal-kont tal-midja soċjali tagħhom. L-informazzjoni li aħna nikkondividu ser tkun regolata mill-politika ta' privatezza tas-sit tal-midja soċjali.
    - Biex niżvelaw lil organizzaturi ta' avvenimenti, esebituri jew oħrajn li jattendu, skont l-istruzzjonijiet tal-Klijent jew kif konsentit minn Kuntatt tan-Negozju tal-Klijent, bħal kunsens biex esebitur ikun jista' jiskenja l-beġ tal-avveniment tagħhom biex jikkondividi

    l-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom, parteċipazzjoni jew iklikkjar biex jingħata kunsens biex titwassal informazzjoni mingħand l-esebitur, jew kunsens attiv biex tiġi kondiviża informazzjoni f'applikazzjoni mobbli ta' Cvent (eż. isem, informazzjoni ta' kuntatt, stampa tal-profil, tweġibiet ta' stħarriġ. Mistoqsijiet u Tweġibiet, servizzi, kummenti, messaġġi, tweġibiet għal votazzjonijiet, eċċ.)
    - Kif ingħata struzzjonijiet mill-Klijent, biex tikkonnettja Kuntatti tan-Negozju tal-Klijent ma' xulxin billi tistrieħ fuq algoritmi ta' tqabbil biex tirrakkomanda Kuntatti tan-Negozju tal-Klijent kompatibbli għal netwerking ta' negozju mhux obbligatorju.
- Biex infornu lil kull terz f'każ ta' żwieġ, ċessjoni, ristrutturar, rikapitalizzazzjoni, riorganizzazzjoni, xoljiment jew bejgħ mod ieħor jew trasferiment ta' xi jew l-assi kollha ta' Cvent, kemm jekk bħala negozju ta' ħidma kontinwa jew bħala parti minn falliment, likwidazzjoni jew proċeduri simili, meta informazzjoni personali miżmuma minn Cvent dwar il-Klijenti tagħna u l-Kuntatti tan-Negozju ta' Klijenti huma fost l-assi trasferiti.
- Għall-skopijiet interni tan-negozju tagħna li jinkludu aċċess amministrattiv u l-użu tal-Applikazzjonijiet tagħna, analiżi tat-tagħrif, sigurtà li tidentifika Klijenti malli jilloggjaw ġo Applikazzjoni, titjib jew tibdil tal-Applikazzjonijiet tagħna, li nistabilixxu l-effettività tal-kampanji promozzjonali tagħna, ħruġ ta' kontijiet għas-Servizzi, u t-tħaddim tan-negozju tagħna.
- Kif nemmnu li jkun meħtieġ jew xieraq: (a) taħt il-liġi applikabbli, li jinkludu liġijiet barra l-pajjiż ta' residenza tiegħek; (b) biex twieġeb għal talbiet minn awtoritajiet pubbliċi u tal-gvern li jinkludu awtoritajiet pubbliċi u tal-gvern li jinsabu barra l-pajjiż ta' residenza tiegħek; u (ċ) biex tipproteġi kontra transazzjonijiet qarrieqa jew tal-identità.
- Għal kull skop ieħor meta l-Kuntatti tan-Negozju ta' Klijenti jipprovdu kunsens espliċitu.

Aħna niġbru informazzjoni dwar (i) il-Klijenti u l-Kuntatti tan-Negozju ta' Klijenti, u (ii) l-użu tal-Applikazzjonijiet tagħna sabiex intejbu l-Applikazzjonijiet u sabiex noħolqu punt ta' riferiment u prodotti oħra ta' intelliġenza kummerċjali. L-ebda informazzjoni miġbura ma jkun fiha informazzjoni dwar dejta personali (jiġifieri, ma tidentifikax individwu).

# X'bażi legali hemm biex Cvent tipproċessa d-dejta personali?

Għal individwi li huma miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew reġjuni oħra li jistipulaw bażi legali għall-ipproċessar ta' informazzjoni personali (bħal taħt l-Artikolu 6 tal-GDPR), il-bażi legali tagħna għall-ġbir u l-użu tal-informazzjoni personali tagħhom tiddependi fuq in-natura u ċ-ċirkostanzi tal-attività tal-ipproċessar. Fejn aħna l-proċessur tal-Klijenti tagħna, il-bażi legali tagħna tista’ tkun l-eżawriment ta’ kuntratt jew kunsens. Fejn aħna il-kontrollur, il-bażi legali tagħnaser ikun il-kunsens jew interess leġittimu fejn l-ipproċessar ikun fl-interess leġittimu tagħna u mhux sovrastat mill-interessi individwali ta’ dejta personali, jew drittijiet u libertajiet fundamentali.. Dawn l-interessi jikkonsistu filli nipprovdu individwi b'aċċess għall-Applikazzjonijiet u ta' aspetti tal-Applikazzjonijiet; biex nibgħatulhom informazzjoni li jkunu talbu; sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-Applikazzjonijiet tagħna billi nipprovaw nevitaw attivitajiet mhux awtorizzati jew malizzjużi; jew billi ninfurzaw konformità mal-patti dwar l-użu, kuntratti u policies oħrajn.

# Għal kemm żmien Cvent ser taħżen id-dejta personali miġbura mill-Klijenti tagħna?

Għajr meta provdut mod ieħor fil-kuntratt tagħna mal-Klijent tagħna, aħna ser nipproċessaw dejta għal sa 90 jum wara t-tmiem tal-kuntratt, f’liema żmien aħna nneħħuha mill-ambjent produttiv tagħna. Fi żmien 13-il xahar, aħna nneħħu d-dejta mill-midja ta' backup tagħna.

## Kif jista' Kuntatt tan-Negozju tal-Klijent jaċċessa, jikkoreġi jew iħassar it-tagħrif personali tiegħu?

F'diversi pajjiżi, li jinkludu pajjiżi fiż-ŻEE,kif ukoll f'xi stati tal-Istati Uniti, fuq talba tagħhom, Kuntatti tan-Negozju ta' Klijent għandhom id-dritt li jaċessaw id-dejta personali tagħhom u, jekk meħtieġ, ikunu jistgħu jemendawha, iħassruha jew jirristrinġuha. Kuntatti tan-Negozju ta' Klijent jistgħu wkoll jitolbu biex ċertu tip ta' dejta personali tiġi fornuta lilhom, jew lil organizzazzjoni oħra li jinnominaw, b'format strutturat u li jista' jinqara minn magna.

Meta nipproċessaw id-dejta personali tiegħek abbażi tal-kunsens tiegħek, inti għandek id-dritt li tirrinunzja l-kunsens tiegħek. Ara t-taqsima tal-kuntatt ta' Cvent isfel. L-irtirar tal-kunsens ma għandux jaffettwa l-legalità tal-ipproċessar ibbażat fuq kunsens qabel l-irtirar tiegħu. Kuntatti tan-Negozju ta' Klijent fiż-ŻEE għandhom ukoll id-dritt li jilmentaw lil awtorità superviżorja dwar il-protezzjoni tad-dejta fil-pajjiż fejn joqgħodu, jew fejn jaħdmu - għalkemm nittamaw li nkunu nistgħu nassistu għal kull talba jew tħassib li jista' jkollok dwar l-użu tagħna tad-dejta personali tiegħek.

Cvent tipproċessa l-Kuntatti tan-Negozju ta' Klijent taħt l-istruzzjonijiet tal-Klijenti tagħna u m'għandha l-ebda kontroll dirett jew pussess tad-dejta personali li nipproċessaw. Il-Kllijenti huma responsabbli biex jikkonformaw ma' kull regolament jew liġi li teħtieġ avviż, żvelar jew kisba tal-kunsens qabel it-trasferiment tad-dejta lil Cvent għal skopijiet ta' proċessar. Kull Kuntatt tan-Negozju ta' Klijent li jfittex aċċess, korrezzjoni jew tħassir ta' dejta, għandu jidderiġi t-talba tiegħu lill-Klijent. Jekk il-Klijent jitlob lil Cvent biex iħassar, jirranġa jew jaċċessa d-dejta personali tal-Kuntatt tan-Negozju ta' Klijent biex ikun konformi mar-regolamenti ta' protezzjoni tad-dejta, Cvent ser tipproċessa din it-talba fi żmien il-ħin mitlub taħt ir-regolament jew liġi applikabbli.

Mhux ser  nakkomodaw talbiet biex nibdlu informazzjoni jekk nemmnu li l-bidla tikser xi liġi jew rekwiżit legali jew tikkaġuna l-informazzjoni tkun skorretta. F'każijiet bħal dawn aħna ser ninformaw lill-Klijent dwar l-obbligi legali li ma jippermettunix milli nissodisfaw it-talba.

## Kif jista' Kuntatt tan-Negozju tal-Klijent jaċċessa, jikkoreġi jew iħassar it-tagħrif personali tiegħu?

Klijenti għandhom l-istess drittijiet li jaċċessaw, jikkoreġu jew iħassru t-tagħrif personali tagħhom kif deskritt hawn fuq.

Kull Klijent jista' jaċċessa, jikkorreġi jew iħassar d-dejta, jew id-dejta tal-Kuntatt tan-Negozju tal-Klijent tiegħu billi jissottometti talba fuq is-sit elettroniku f'**https://www.cvent.com/personal-data-requests**.. Cvent ser tipproċessa din it-talba fil-ħin mitlub taħt ir-regolament jew liġi applikabbli.

Mhux ser nakkomodaw talbiet biex nibdlu informazzjoni jekk nemmnu li l-bidla tikser xi liġi jew rekwiżit legali jew tikkaġuna l-informazzjoni tkun skorretta. F'każijiet bħal dawn aħna ser ninformaw lill-Klijent dwar l-obbligi legali li ma jippermettunix milli nissodisfaw it-talba.

Ser inżommu storja ta' verifika ta' kwalunkwe talba għal aċċess, korrezzjoni jew tħassir ta' informazzjoni personali sabiex jinżamm reġistru ta' konformità mar-rekwiżiti regolatorji.

**Residenti ta' Kalifornja**

Jekk inti resident ta' Kalifornja, il-liġi ta' Kalifornja tipprovdik bi drittijiet speċifiċi dwar l-informazzjoni personali tiegħek, li jinkludi d-dritt li niżvelaw ċertu informazzjoni dwar il-ġbir minna u l-użu tal-

informazzjoni personali tiegħek fl-aħħar 12-il xahar, id-dritt li tintalab li aħna nħassru kwalunkwe mill-informazzjoni personali tiegħek li aħna ġbarna mingħandek, għajr għal ċertu eċċezzjonijiet, u d-dritt li tista' tagħżel li ma tkunx inkluż fil-bejgħ tal-informazzjoni personali tiegħek. Sabiex tagħmel talba bħal din, ikklikkja **hawn** biex tissottometti formula fuq il-web, ċempel 1-833-455-0249, jew ibgħat ittra lil:

Rappreżentant ta' Cvent
1765 Greensboro Station Place, 7th Floor
Tysons Corner, Virginia 22102

Jekk jogħġbok innota li aħna nistgħu biss inwieġbu għal żewġ talbiet bħal dawn għal kull individwi kull sena. Inti għandek id-dritt ukoll li ma tiġix deskriminat kontra jekk teżerċita d-dritt ta' kwalunkwe mid-drittijiet, taħt il-liġi tal-privatezza ta' Kalifornja.

Cvent jista' jkun li ġabret l-kategoriji li ġejjin ta' tagħrif personali ta' residenti minn Kalifornja fl-aħħar 12-il xahar.

- Identifikaturi bħal isem, indirizz postali, indirizz tal-Protokoll tal-Internet, indirizz elettroniku jew identifikazzjoni simili oħra.
- Kategoriji ta' informazzjoni personali deskritti fis-sottodiviżjoni (e) ta’ Sezzjoni 1798 90 tal-Kodiċi Ċivili ta' Kalifornja
- Karatteristiċi ta' klassifikazzjonijiet protetti taħt il-liġi federali ta' Kalifornja.
- Informazzjoni kummerċjali, li tinkludi reġistrazzjonijiet ta' prodotti jew servizzi mixtrija jew ikkonsidrati.
- Internet jew netwerk elettroniku ieħor b'attività informatika.
- Tagħrif ta' ġeolokazzjoni
- Imformazzjoni awdjo u viżwali, bħal reġistrazzjonijiet ta' sejħiet u ritratti għal servizz lill-konsumatur.
- Informazzjoni professjonali jew marbuta ma' impjieg.
- Informazzjoni edukattiva.
- Kontenut ta' SMS/messaġġi u chats.
- Inferenzi mfassla minn kull informazzjoni identifikata hawn fuq.

Din l-informazzjoni hi miġbura u użata għall-iskopijiet żvelati fil-Politika dwar il-Privatezza. Cvent għandha mnejn tkun żvelat isem, titlu ta' Klijent jew Viżitatur, informazzjoni ta' kuntatt tan-negozju għal postijiet ospitabbli (eż. ristorant jew lukanda) jew promoturi ta' avvenimenti ta' avvenimenti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' Cvent fl-aħħar 12-il xahar eżatt qabel ma din il-politika ta' privatezza aġġornata tkun daħlet fis-seħħ. Jekk Klijent jew Viżitatur jixtieq li jkollu l-informazzjoni tiegħu eskluż minn dan it-tip ta' żvelar, ikklikkja **hawn** biex tissottometti t-talba. Cvent għandha mnejn żvelat minn kwalunkwe kategorija ta' informazzjoni personali b'konformità mal-kunsens tal-individwu jew taħt kuntratt bil-miktub ma' fornitur tas-servizz għal skop kummerċjali fi 12-il xahar immedjatament qabel  mal-politika ta' privatezza aġġornata ma ġiet fis-seħħ.

# Cvent kif tuża l-cookies u teknoloġiji simili?

## Cookies u Fari tal-Web

Aħna u partijiet terzi awtorizzati nużaw cookies jew teknoloġiji awtomatiċi simili ta' ġbir ta' dejta hekk kif individwi jinteraġixxu mal-Applikazzjonijiet tagħna biex tinġabar ċertu informazzjoni dwar it-tagħmir tagħhom, l-azzjonijiet u l-iskemi ta' navigar, li jinkludu:

- Dettalji dwar il-viżti fl-Applikazzjonijiet tagħna, bħal id-data u l-ħin li taċċessa l-Applikazzjonijiet tagħna, iż-żmien li ddum fuq l-Applikazzjonijiet tagħna, websites marbuta mal-Applikazzjonijiet tagħnajew websites marbuta mill-Applikazzjoni tagħna, ir-riżorsi u l-kontenut li taċċessa u l-użu fuq l-Applikazzjonijiet.
- Informazzjoni dwar il-kompjuter tiegħek u l-konnessjoni mal-internet tiegħek, bħal l-Indirizz IP, it-tip ta' kompjuter, ir-riżoluzzjoni tal-iskrin, it-tip u l-verżjoni tal-brawżer tal-Internet.

**Hawn taħt hawn it-teknoloġiji li nużaw għal dan il-ġbir awtomatiku tad-dejta. Aħna ma nużawx kwalunkwe minn dawn it-teknoloġiji biex niġbru informazzjoni mill-Kuntatti tan-Negozji ta' Klijent għal skopijiet ta' suq jew reklamar. Il-Klijenti tagħna jistgħu jżidu cookies jew teknoloġiji simili oħra permezz tal-Applikazzjonijiet tagħna għall-iskopijiet tagħhom stess, inkluż għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.**

- **Cookies tal-Brawżer.** Cookie huwa fajl żgħir li jitqiegħed fuq il-hard drive ta' kompjuter. Il-brawżers tal-web jistgħu jiġu konfigurati biex jirrestrinġu jew jimblokkaw kompletament il-cookies, biex jikkonfiguraw kontrolli t'avviżi ta' cookies u/jew tħassar cookies diġà preżenti fuq il-brawżer jew it-tagħmir. Informazzjoni dwar kif tista' tagħmel dan huwa fornut fit-taqsima ta' għajnuna/riferiment tal-web brawżer. Ir-trażżin jew ir-restrizzjoni ta' ċertu tip ta' cookies jista' jipprevjeni Klijent jew il-Kuntatt tan-Negozju ta' Klijent milli juża ċertu partijiet tal-Applikazzjonijiet tagħna, skont kif il-kontrolli tal-brawżer ikunu konfigurati. Pereżempju, ir-reġistrazzjoni ta' avveniment ma jistax jimtela tajjeb jekk il-cookies ikunu diżattivati fil-web brawżer. Għajr meta l-kontrolli tal-brawżer ikunu ġew aġġustati biex jirrifjutaw cookies, is-sistema tagħna ser tibgħat cookies meta l-brawżer jinteraġixxi mal-Applikazzjonijiet tagħna. Għal aktar informazzjoni dwar cookies u kif twaqqafhom, ara www.allaboutcookies.org.
    - **Tul.** Il-Cookies tal-Browser huma jew "sessjoni" jew "persistenti" fit-tul. Cookie tas-"sessjoni" iddum għal sessjoni unika ta' brawżer biss u titħassar meta l-utent jagħlaq l-brawżer tal-web. Cookies tas-sessjoni jippermettu operaturi tal-website jgħaqqdu l-azzjonijiet ta' utent waqt sessjoni fuq il-brawżer. Cookie "persistenti" tibqa' fit-tagħmir tal-utent (anke meta jintefa') sakemm tiskadi jew titħassar. Cookie persistenti tiġi riattivata meta utent jirritorna fuq il-websajt li tkun impostat l-cookie. Aħna nużaw cookies persistenti biex jgħinuna nippersonalizzaw l-esperjenza fuq il-web tiegħek meta tirritorna fuq paġna web jew fuq il-website tagħna.

      L-ebda wieħed minn dawn il-cookies ma jistgħu jaqraw jew jaċċessaw cookies oħrajn jew kwalinkwe dejta minn hard drive ta' utent. Aktar minn hekk, l-ebda wieħed minn dawn il-cookies waħedhom mhu ser jidentifika utent personalment; madanakollu, cookie ser tagħraf brawżer tal-web individwali jew tagħmir ta' utent permezz tal-Indirizz IP, il-verżjoni tal-brawżer, is-sistema ta' tħaddim u informazzjoni oħra, u individwi li jillogjaw mal-kontijiet ta' Cvent tagħhom jistgħu jiġu identifikati individwalment għal Applikazzjonijiet partikolari permezz tal-cookies tas-sessjoni.

    - **Skop.** Il-websajt tagħna tuża cookies li jservu t-tipi ta' skop li ġejjin:
        - **Strettament neċessarju (essenzjali).** Cookies strettament meħtieġa jagħmlu l-websajt tagħna taħdem, huma essenzjali biex il-websajt twettaq il-funzjonijiet bażiċi tagħha.
        - **Prestazzjoni.** Magħruf ukoll bħala "cookies tal-istatistika", u inklużi cookies analitiċi, cookies tal-prestazzjoni jiġbru informazzjoni dwar kif tuża websajt, bħal liema paġni żort u liema links ikklikkjajt fuqhom. Xejn minn din l-informazzjoni ma tista' tintuża biex tidentifikak. L-uniku għan tagħhom huwa li jtejbu l-funzjonijiet tal-websajt. Dan jinkludi cookies minn servizzi analitiċi ta' partijiet terzi sakemm il-cookies huma għall-użu esklussiv tas-sid tal-websajt miżjura.

- **Funzjonalità.** Magħrufa wkoll bħala cookies ta' "preferenzi", dawn il-cookies jippermettu lil websajt tiftakar għażliet li għamilt fil-passat, bħal liema lingwa tippreferi. Jintużaw biex itejbu l-esperjenza tal-utent tal-websajt iżda mhumiex essenzjali għall-użu tagħhom, iżda mingħajr dawn il-cookies, ċerta funzjonalità tista' ma tkunx disponibbli.
  - **Marketing.** Dawn il-cookies jittraċċjaw l-attività online tiegħek biex jgħinu lil dawk li jirreklamaw iwasslu reklamar aktar rilevanti jew biex jillimitaw kemm-il darba tara riklam. Dawn il-cookies jistgħu jaqsmu dik l-informazzjoni ma' organizzazzjonijiet jew riklamaturi oħra. Dawn huma cookies persistenti u kważi dejjem ta' provenjenza ta' parti terza.

- **Fari tal-Web.** Paġni fl-Applikazzjonijiet tagħna u fuq l-posta elettronika tagħna ser ikun fihom fajls elettroniċi żgħar magħrufa bħala fari tal-web (riferuti wkoll bħala clear gifs, pixel tags u pixel gifs uniċi). Il-fari tal-web huma differenti minn cookies għax l-informazzjoni ma tiġix maħżuna fil-hard drive tiegħek, imma tkun inkorporata inviżibilment fuq paġni web jew fil-posta elettronika. Il-fari tal-web jippermettuna nintraċċaw movimenti onlajn ta' utenti tal-web, pereżempju biex ngħoddu utenti li jkunu żaru dawk il-paġni jew fetħu posta elettronika u għal statistiċi relatati mal-websajt (pereżempju, reġistrar tal-popolarita ta' ċertu kontenut tal-websajt u verifikar tas-sistema u l-integrità tas-server). Dan jippermetti Cvent biex tipprovdi esperjenza ta' websajt infassal aktar għall-preferenzi u interessi tal-utenti tagħna.

F'dan iż-żmien, ma nirrisponduux għal brawżer, ma nintraċċawx sinjali, hekk kif nistennew għal standard uniformi li jiġi minn regolaturi jew l-industrija ta' privatezza. Cvent b'ħerqa tikkonsidra d-dritt indipendenti ta' individwu li jiddermina kif id-dejta personali tiegħu jew tagħha tiġi proċessata u tkompli tissorvelja viluppi f'dan il-qasam.

## Reklamar

Nistgħu nużaw l-informazzjoni mill-Klijenti fornituri ta' postijiet tagħna li tippermettilna nuru reklami mingħand il-Klijenti tal-Hospitality Cloud tagħna lil udjenzi ta' utenti tagħhom fil-mira permezz tan-netwerk tagħna jew il-fornituri tas-servizz ta' reklamar. Bħala eżampju, fornituri tal-ispazju tal-laqgħat jistgħu jixtru reklami li jiġu preżentati silettivament permezz tas-Cvent Supplier Network lil pjanifikaturi tal-laqgħat li jkunu aġġudikaw preċedentement volum minimu ta' lagħat għan-negozju lil dak il-fornitur jew lil postijiet kompetituri fiż-żona metropolitana fil-mira. Anke jekk ma niżvelawx ldejta personali għal dawn l-iskopijiet, jekk l-utent li jforni l-post jikklikkja fuq jew inkella jinteraġixxi ma' reklam, il-Klijent ta' Hospitality Cloud tar-reklam jista' jippreżumi li l-utent tal-fornitur tal-post jissodisfa l-kriterji fil-mira. Filwaqt li aħna u l-Klijenti ta' Hospitality Cloud niffaċilitaw din it-teknoloġija biex nirreklamaw lil Klijenti, aħna qatt ma nużaw l-informazzjoni tal-Klijent biex nirriklamaw lill-Kuntatti tan-Negozju tal-Klijent.

Aħna nużaw ukoll terzi (bħal LinkedIn, Google, Facebook, YouTube) biex infornu reklami li jistgħu jkunu ta' interess għalik fuq websites oħrajn. Għal aktar informazzjoni u l-kapaċità li tikkontrolla l-preferenzi tiegħek, jekk jogħġbok żur:

**http://www.networkadvertising.org/managing/opt_out.asp**
**http://www.aboutads.info/**
**https://policies.google.com/privacy/partners**
**https://www.linkedin.com/psettings/guest-controls/retargeting-opt-out**
**https://account.microsoft.com/privacy/ad-settings/signedout**
**https://my.outbrain.com/recommendations-settings/home**
**https://adssettings.google.com/authenticated**
**https://www.facebook.com/ads/preferences/**

**https://twitter.com/settings/personalization**
**https://www.quora.com/optout**

Jekk inti tinsab fl-Iżvizzera, fl-Unjoni Ewropea jew fir-Renju Unit, jekk jogħġbok kklikkja **hawn**

## Fornituri Terzi t'Analitiċi

Aħna nużaw fornituri terzi t'analitiċi, li jinkludu Google, Adobe, Mixpanel, Mouseflow u oħrajn, biex tinġabar informazzjoni dwar l-użu tiegħek tal-Applikazzjonijiet u siti elettroniċi li jippermettulna ntejbu kif jaħdmu dawn l-Applikazzjonijiet. L-informazzjoni tippermettilna naraw l-iskemi globali ta' użu fuq l-Applikazzjonijiet, tgħinna nirreġistraw xi diffikultajiet li għandek bl-Applikazzjonijiet, turina jekk ir-reklamar tagħna hux effettiv jew le, u tippermettilna nirreaġixxu għar-reklami biex intejbu l-prestazzjoni tar-reklami. Google Analytics, Adobe u Mixpanel jużaw cookies u teknoloġiji simili oħrajn biex tinġabar informazzjoni dwar l-użu tal-Applikazzjonijiet tagħna u biex jirraportaw xejriet tal-website lilna, mingħajr ma jaħżnu dejta personali fuq pjattaformi ta' fornituri analitiċi terzi barranin. Ara hawn isfel għal aktar informazzjoni, jew biex tagħżel li ma tipparteċipax f'dawn il-prattiċi:

- Tista' tagħżel li ma tipparteċipax f'Google Analytics billi tikklikkja hawn.
- Tista' tagħżel li ma tipparteċipax fil-ġbir tad-dejta u l-analiżi ta' Adobe dwar l-użu tiegħek fl-Applikazzjonijiet billi tikklikkja fuq din il-link.
- Tista' tiddeċiedi li ma tippartiċipax fil-prattiċi ta' Mixpanel billi żżur https://mixpanel.com/optout/.

  https://mixpanel.com/optout/
- Mouseflow tiġbor informazzjoni marbuta ma' klikks tal-maws, ċaqlieq tal-maws, imġieba tal-iskroll, u/jew attivita tal-battitura, imma ma tiġborx informazzjoni personalment identifikabbli f'isimna jew ssegwi d-drawwiet ta' brawżing ta' individwi madwar websajts oħra li ma jużawx Mouseflow. Tista' ssir taf aktar dwar il-prattiċi ta' Mouseflow billi żżur http://mouseflow.com/privacy.
- Tista' ssir taf aktar dwar il-prattiċi ta' Pendo billi żżur https://www.pendo.io/legal/privacy-policy/.

## Cookies li Jikkontrollaw

Jekk qed iżżur il-websajt tagħna mill-ŻEE, ir-Renju Unit jew l-Iżvizzera allura ma nistabbilixxux cookies mhux essenzjali sakemm ma taċċettax il-cookies kollha fuq il-"cookie banner" li titnieda meta tidħol fuq il-websajt tagħna.

Tista' titgħallem dwar kif tista' timmodifika l-kontrolli tal-brawżer tiegħek biex tirrestrinġi jew tiddiżattiva il-cookies u teknoloġiji oħra tal-intraċċar billi żżur it-taqsima t'hawn fuq intotolata "***Fornituri Terzi ta' Analitiċi***." Cookies strettament meħtieġa ma jistgħux jiġu diżattivati.

# Cvent kif tipproċessa dejta minn Viżitaturi?

Cvent tipproċessa dejta tal-Viżitaturi b'mod separat u distint mill-mod kif nipproċessaw id-dejta tal-Klijenti u tal-Kuntatti tan-Negozju ta' Klijenti. Meta jużaw il-websites tagħna, jattendu avvenimenti tas-suq ta' Cvent jew jipprovduna bl-informazzjoni personali, il-Viżitaturi jkunu qed jagħtu l-kunsens għall-ġbir, ipproċessar u ħażna tal-informazzjoni personali tagħhom kif deskritt f'din it-taqsima.

## Ġbir ta' Dejta Personali ta' Viżitaturi

Cvent tiġbor dejta personali li tinkludi isem, titlu,  indirizz postali, indirizz elettroniku, numru tat-telefown, numru t'identifikazzjoni fil-midja soċjali , informazzjoni dwar il-kumpanija (li jinkludu informazzjoni finanzjarja u dwar kontijiet meta jitħallsu servizzi ta' Cvent), tweġibiet għal stħarriġ, posta fuq il-bords tal-messaġġi, dħul f'konkorsi u talbiet dwar promozzjonijiet. Aħna nistgħu niġbru din l-informazzjoni fuq il-Viżitatur minn fuq is-sit elettroniku tagħna, talbiet mitluba mill-aġent konverżazzjonali tagħna, skambju mat-timijiet tal-bejgħ jew assistenza għall-klijenti, waqt reġistrazzjoni għal xi avveniment, jew permezz ta' rispons għal xi stħarriġ jew għal xi posta elettronika tal-marketing tagħna. Aħna nużaw din l-informazzjoni biex nipprovduk b'dettalji addizzjonali dwar is-servizzi tagħna, inwettqu riċerka, nipprovdu karti bojod jew nikkuntattjawk wara li żżurna.

Aħna niġbru dejta personali wkoll minn sorsi ta' terzi, bħal partijiet terzi li mingħandhom inkunu xtrajna informazzjoni ta’ kuntatt tan-negozju, databases pubbliċi, imsieħba konġunti fis-suq, u pjattaformi tal-midja soċjali.  F’xi każijiet, Cvent tista’ tikkombina dejta personali li tkun ipprovdejtilna ma’ dejta personali miġbura minn sorsi oħrajn.  Aħna nużaw din id-dejta biex intejbu il-websites u l-irreklamar tagħna, u biex nidentifikaw opportunitajiet ta’ marketing prospettivi.  Pereżempju, jekk Viżitatur jagħżel li jqabbad il-kont tal-midja soċjali tiegħu mal-kont tal-websites tagħna, ċertu Informazzjoni personali mill-kont tal-midja soċjali ser tkun kondiviża magħna, li tista' tkun tinkludi informazzjoni personali li hija parti mill-profil tal-Viżitatur jew il-profili tal-ħbieb tiegħu.

Jekk tiddeċiedi li tagħmel hekk,  meta tipprovdi referenza , aħna niġbru informazzjoni personali dwar il-kuntatti tiegħek, bħal:

- Isem
- Email tax-xogħol
- Organizzazzjoni
- Numru tat-telefon
- Lokalità ta' residenza
- Kodiċi Postali

Meta tipprovdina bl-informazzjoni personali tiegħek dwar il-kuntatti tiegħek, aħna ser nużaw din l-informazzjoni biss għar-raġuni speċifika li għaliha hija provduta.

Jekk temmen li xi ħadd ieħor ipprovdina bl-informazzjoni personali tiegħek u inti tixtieq li titneħħa minn fuq id-dejtabejż tagħna, jekk jogħġbok agħmel talba f’**https://www.cvent.com/personal-data-requests**. Barra minn hekk, aħna   u l-fornituri tas-servizzi analitiċi niġbru dejta personali minn cookies u teknoloġiji simili biex niġbru informazzjoni dwar il-paġni li Viżitaturi jaraw, links li Viżitaturi jikklikkjaw fuqhom, tagħrif tal-web brawżer, l-indirizz IP tal-Viżitaturi u attivitajiet oħra li Viżitaturi jistgħu jieħdu meta jaċċessaw il-websites tagħna. Għal informazzjonali addizzjonali dwar l-użu tagħna ta' dawn it-teknoloġiji u kif tikkontrollhom, ara t-taqsima hawn fuq intitolata “***Cookies u teknoloġiji simili***".

## L-Użu tad-Dejta Personali ta' Viżitaturi Miġbura minn Cvent

Cvent tipproċessa d-dejta personali ta' Viżitaturi biex:

- Tanalizza kif l-websites tagħna jiġu aċċessjati;
- Tippersonalizza l-esperjenza ta' brawżjar u tippreżenta prodotti jew aspetti li jistgħu jkunu aktar applikabbli għalik;
- Tidentifika problemi tekniċi tal-website;
- Tiskopri, tistħarreġ u tirrimedja attività qarrieqa jew illegali;
- Tittrasmetti avviżi marbuta ma' prodott, servizz jew bidliet politiċi;
- Tirrispondi it-talbiet tiegħek dwar prodotti u servizzi;

- Tibgħatlek informazzjoni bħal avviżi dwar prodotti, bulettini, karti bojod, offerti rilevanti oħrajn u promozzjonijiet jew avvenimenti li ġejjin ( meta meħtieġ, skont il-ġurisdizzjoni, aħna ser infittxu u niksbu l-kunsens espliċitu tiegħek qabel ma jintbagħtu ittri elettroniċi tas-suq).
- Tippjana u tospita avvenimenti korporali ta' Cvent, nospitaw fora onlajn u netwerks soċjali fejn il-Viżitaturi jistgħu jipparteċipaw;
- Tanalizza, tippunteġġa u tidentifika prospetti ġodda;
- Toħloq reklamar imfassal, programmi promozzjonali u ta' bejgħ, u
- Biex tibgħat il-kont lill-klijenti għas-servizzi u tanalizza l-kapaċità finanzjarja ta' klijenti prospettivi li jingħataw soluzzjonijiet mingħand Cvent

Jekk tixtieq tneħħi lilek innifsek minn komuniki ta' marketing minn Cvent, jekk jogħġbok ikklikkja hawn: **https://www.cvent.com/subscriptionmanagement**.

## Il-Ħżin ta' Dejta Personali ta' Viżitaturi

Fejn nipproċessaw dejta personali ta' Viżitaturi għal skopijiet ta' suq jew bil-kunsens tal-Viżitaturi, nipproċessaw id-dejta sakemm il-Viżitatur jitlobna nieqfu. Ġeneralmet tieħu 30 jum biex nimplimentaw it-talba tiegħek, imma fl-ebda każ itwal minn dak meħtieġ mill-liġi applikabbli. Cvent mhux ser iżżomm dejta personali ta' Viżitaturi għal żmien itwal mill-perijodu ta' żamma statutorju permess fil-ġurisdizzjonijiet lokali fejn is-servizzi Cvent jinsabu fis-suq u huma provduti. Fejn Cvent iżżomm dejta personali tal-Viżitatur, aħna nżommu wkoll rekord ta' meta Viżitaturi jkunu talbuna biex ma nibgħatux materjal tas-suq dirett jew biex nipproċessaw id-dejta tal-Viżitatur b'mod indefinit sabiex nirrispettaw it-talba tal-Viżitatur fil-futur.

## Kondiviżjoni tad-Dejta tal-Viżitaturi

Cvent tista' tikkondividi informazzjoni ma' fornituri terzi tas-servizz ikkontrattati biex jipprovdu servizzi f'isimna kif ukoll terzi li jbiegħu mill-ġdid servizzi ta' Cvent.

Cvent tista' wkoll tingaġġa msieħba kummerċjali biex flimkien joffru prodotti, servizzi jew programmi oħra bħal webinars jew whitepapers u minn żmien għal żmien, nistgħu wkoll nikkondividu dejta personali jew nuru interess fi prodotti jew servizzi offruti b'mod konġunt.

Cvent ser tikkondividi biss dejta personali ta' Viżitaturi li jattendu avvenimenti tas-suq ta' Cvent ma' terzi jekk a) il-Viżitatur espliċitament jagħti l-kunsens tiegħu, b) il-Viżitatur jippermetti li l-badge tiegħu tiġi skennjata jew ċ) ikun permessibbli taħt il-liġi applikabbli.

## Aċċess, korrezzjoni jew tħassir tad-dejta ta' Viżitaturi

Il-klijenti għandhom l-istess drittijiet t'aċċess. korrezzjoni jew tħassir tat-tagħrif personali tagħhom bħal ma għandhom il-Klijenti tagħna, kif spjegat fil-qosor fit-taqsima "***Kif jista' Kuntatt ta' Klijent tan-Negozju jaċċessa jew iħassar it-tagħrif personali tiegħu?***"

Kull Viżitatur li jipprova jaċċessa, jikkoreġi jew iħassar dejta, jista' jagħmel hekk billi jissottometti talba fuq il-website tagħna fuq **https://www.cvent.com/personal-data-requests**. Cvent ser tipproċessa din it-talba fi żmien 30 jum.

Mhux ser nakkomodaw talbiet biex nibdlu informazzjoni jekk nemmnu li l-bidla tikser xi liġi jew rekwiżit legali jew tikkaġuna l-informazzjoni tkun skorretta. F'każijiet bħal dawn aħna ser ninformaw lill-Viżitatur dwar l-obbligi legali li ma jippermettunix milli nissodisfaw it-talba.

Ser inżommu storja ta' verifika ta' kwalunkwe talba għal aċċess, korrezzjoni jew tħassir ta' informazzjoni personali sabiex jinżamm reġistru ta' konformità mar-rekwiżiti regolatorji.

### Residenti ta' Kalifornja

Jekk inti Viżitatur u resident ta' Kalifornja, il-liġi ta' Kalifornja tipprovik bi drittijiet speċifiċi dwar l-informazzjoni personali tiegħek. Il-prattiċi kollha deskritti fit-taqsima ta' residenti minn Kalifornja ta' **Kif jista' Kuntatt tan-Negozju tal-Klijent jaċċessa, jikkoreġi jew iħassar it-tagħrif personali tiegħu?** tapplika wkoll għall-Viżitaturi ta' Kalifornja.

### Cookies u teknoloġiji simili

Kull prattika marbuta ma' cookies u l-użu tagħhom deskritti fit-taqsima "***Kif Cvent tuża cookies u teknoloġiji simili" tapplika wkoll għall-Viżitaturi meta jinteraġixxu mal-websites tagħna*** tapplika wkoll għall-Viżitaturi meta jinteraġixxu mal-websites tagħna.

## Cvent tipproċessa informazzjoni ta' tfal li għadhom m'għalqux it-16-il sena?

L-ebda wieħed mill-Applikazzjonijiet tagħna m'huma diretti għal tfal li għadhom m'għalqux is-16-il sena. Aħna mhux ser nitolbu jew niġbru Informazzjoni personali  direttament  jew b'għarfien sħiħ minn fuq tfal li għadhom m'għalqux is- 16 -il sena. Jekk nsiru nafu li b'mod involontarju ġbarna informazzjoni personali mingħand tfal li għadhom m'għalqux is-16-il sena, aħna ser inħassruha kemm jista' jkun malajr.

Il-Politika ta' Privatezza ma tapplikax għall-prattiċi tal-Klijenti tagħna li magħhom il-wild tiegħek jista' jinteraġixxi. Għandek tirrevedi l-patti u l-policies applikabbli għal Klijenti biex tara kemm huma dattati għall-wild tiegħek, inkluż il-ġbir tad-dejta u l-prattiċi ta' użu tagħhom.

## Cvent fejn tittrasferixxi d-dejta personali li tipproċessa?

Biex tiffaċilita l-prattiċi tan-negozju tagħna u l-kunsinna tas-servizzi tagħna, dejta personali tista 'tinġabar, tiġi aċċessata minn, trasferita lil jew maħżuna fl-Istati Uniti jew f'pajjiżi oħra fejn noperaw, inklużi pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), l-Iżvizzera, u r-Renju Unit. Dejta personali tista' tiġi aċċessata minn persunal ta' Cvent li jipprovdi servizzi fi kwalunkwe pajjiż fejn għandna faċilitajiet, jew li fihom inqabbdu fornituri ta' servizzi ta' partijiet terzi (proċessuri jew sottoproċessuri), inklużi l-Indja, l-Awstralja u Singapor. F'każijiet fejn nittrasferixxu dejta personali barra ż-Żona Ekonomika Ewropea, nimplimentaw salvagwardji biex niżguraw livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta, inkluż l-użu ta' Klawżoli Kuntrattwali Standard kif approvati mill-Kummissjoni Ewropea, jew li nieħdu miżuri oħra biex niżguraw livell adegwat ta' dejta protezzjoni taħt il-liġi tal-UE. Għal trasferimenti ta' dejta transfruntieri miż-ŻEE jew ir-Renju Unit, Cvent ser timplimenta soluzzjoni ta' trasferiment tad-dejta xierqa fil-forma ta' Klawżoli Kuntrattwali Standard approvati mill-Kummissjoni Ewropea (SCCs tal-UE) jew awtorità tar-Renju Unit (SCCs tar-Renju Unit). Bl-istess mod, Cvent għamlet disponibbli għall-Klijenti tagħha addendum dwar l-ipproċessar tad-dejta li fih l-SCCs tal-UE u l-SCCs tar-Renju Unit hawn. Fejn inti klijent li ffirmajt addendum dwar l-ipproċessar tad-dejta ma' Cvent li fih dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment bbażati fuq iċ-ċertifikazzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Privatezza ta' Cvent, aħna nħeġġu lill-Klijenti biex jiffirmaw u jirritornaw l-Emenda għall-Ftehim dwar l-Ipproċessar tad-Dejta.

Il-prattiċi dwar il-privatezza ta' Cvent, deskritti f'din il-Politka tal-Privatezza, huma konformi mas-Sistema tar-Regoli tal-Privatezza Transfruntieri APEC. Is-sistema APEC CBPR tipprovdi qafas għal

organizzazzjonijiet biex tiġi żgurata protezzjoni ta’ informazzjoni personali ttrasferita fost ekonomiji APEC li jipparteċipaw. Aktar informazzjoni dwar il-qafas APEC tista’ tinstab hawn.

Il-prattiċi dwar il-privatezza ta’ Cvent, deskritti f’din il-Politka tal-Privatezza, huma konformi mas-sistema għall-Għarfien tal-Privatezza għall-Proċessuri (PRP) APEC. Is-sistema APEC PRP tipprovdi qafas għal organizzazzjonijiet biex tiġi żgurata protezzjoni ta’ informazzjoni personali ttrasferita fost ekonomiji APEC li jipparteċipaw. Aktar informazzjoni dwar il-qafas APEC PRP tista’ tinstab hawn.

# Cvent kif ser tissalvagwardja d-dejta li tipproċessa?

Aħna nużaw diversi miżuri organizzativi, tekniċi u amministrattivi biex nipproteġu d-dejta personali fi ħdan l-organizzazzjoni tagħna. Aħna nsegwu standards aċċettati b'mod ġenerali biex nipproteġu l-informazzjoni personali sottomessa lilna, kemm waqt it-trasmissjoni u ġaladarba tkun irċevuta. Sfortunatament, l-ebda trasmissjoni tad-dejta jew sistema ta' ħżin ma tista' tiġi garantita li hi 100% sigura. Jekk għandek raġuni biex temmen li l-interazzjoni tiegħek magħna m'għadhiex aktar sikura (pereżempju, jekk tħoss li s-sigurtà ta' kull kont li jista' jkollok magħna ġie kompromess), jekk jogħġbok avżana minnufih bil-problema billi tikkuntattjana b'konformità mat-taqsima *"**Kuntatt**"* t’hawn isfel.

# X'inhuma l-Prodotti ta' Cvent?

## Event Cloud

### Cvent Meetings & Events

- Cvent Event Management
- Cvent Surveys
- Cvent Conference
- Tabelli Soċjali
- Attendee Hub™
- Cvent Studio

### Cvent Onsite Solutions

- OnArrival
- OnArrival 360
- SocialWall
- LeadCapture
- CrowdCompass by Cvent
- QuickMobile by Cvent

## Hospitality Cloud

- Cvent Supplier Network
- SpeedRFP.com
- EliteMeetings.com
- Cvent Business Intelligence
- Cvent Lead Scoring
- Cvent Passkey
- Cvent Business Transient

- Tabelli Soċjali

## Kif jista' Klijent jew Viżitatur Jiġġestixxi l-Preferenzi tal-Posta Elettronika Tiegħu għal Cvent?

Jekk tixtieq taġġorna l-preferenzi tal-posta elettronika tiegħek jew tfassal is-suġġetti li l-aktar jinteressawk biex tirċievi, jew biex tħassar l-abbonament għal komuniki ma' Cvent, tista' tagħmel dan hawn: **https://www.cvent.com/subscriptionmanagement**.

## Kif tista' tikkuntattja lil Cvent jew l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta ta' Cvent?

Għad-dettalji dwar ir-rwol tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta ta' Cvent (DPO - Data Protection Officer) jew kull mistoqsija dwar il-privatezza marbuta mal-Politika ta' Privatezza ta' Cvent jekk jogħġbok ikkuntattja lil DPO fuq **dpo@cvent.com**. Inti għandek tħossok ukoll liberu li tikkuntattja lil Cvent dwar dettalji fuq l-implimentazzjoni tagħna tal-programm ta' privatezza f':

Rappreżentant ta' Cvent
1765 Greensboro Station Place, 7th Floor
Tysons Corner, Virginia 22102
**privacy@cvent.com**

Jekk għandek xi tħassib mhux riżolt dwar privatezza jew użu tad-dejta li aħna ma ndirizzajnix b'mod sodisfaċenti, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-fornitur dwar soluzzjonijiet ta' tilwim terz tagħna (mingħajr ħlas) bażat fl-Istati Uniti fuq https://feedback-form.truste.com/watchdog/request.

## Cvent kif tippubliċizza l-bidliet fil-Politika tal-Privatezza tagħha?

Aħna ser naġġornaw din il-Politika ta' Privatezza tagħna biex tirrifletti bidliet fil-prattiċi tal-informazzjoni tagħna. Jekk ser nagħmlu tibdiliet materjali ser navżawk permezz t'avviż fuq din il-website tletin (30) jum qabel ma l-bidliet isiru effettivi, jew permezz ta' ittra elettronika (mibgħuta fl-indirizz elettroniku speċifikata fil-kont tiegħek) sebat (7) ijiem qabel mal-bidliet isiru effettivi. Madanakollu, kull bidla għall-Politika ta' Privatezza ser tkun effettiva minnufih mal-pubblikazzjoni għal Viżitaturi, Klijenti u Kuntatti tan-Negozju ta' Klijenti ġodda. Aħna ninkoraġixxuk biex kull tant żmien tirrevedi din il-paġna għall-aħħar informazzjoni fuq il-prattiċi ta' privatezza tagħna.